# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar , 2018**

**Rikors Numru : 342/2007 JPG**
**Kawza Numru : 2**

**Blye Engineering Co. Ltd (C2256)**

**VS**

**S.P. Hotel Ltd. (C31181)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Blye Engineering Co. Ltd tas-26 ta' Marzu 2007, li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-esponenti s-somma ta' tmienja u tletin elf seba' mija erbgha u sittin lira Maltin u tlett centezmi (Lm38764.03) bilanc minn somma akbar minnha dovuta ta' xogholijiet varji esegwiti fuq inkarigu taghha u materjal u oggetti mibjugha u forniti lilha, kollox kif jirrizulta ahjar mill-istatement of account (Dok.A) u l-fatturi (Dok.B sa L) hawn ezebiti;*

2. *Illi, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;*

3. *Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-esponenti s-somma fuq riferita*

*ta' tminja u tletin elf seba' mija erbgha u sittin lira Maltin u tlett centezmi (Lm38764.03) dovuta kif fuq spjegat.*

*Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-11 ta' Lulju 2007 fejn innominat l-Assitent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli;

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta tat-3 ta' Awissu 2007 (a fol. 28) li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez illi [a] l-esekuzzjoni tal-appalt relattiv mhuwiex tal-kwalita` miftehma bejn il-partijiet, [b] il-kontijiet mahruga mis-socjeta` rikorrenti ma jirriflettux il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, u [c] is-socjeta` esponenti mhux talli ma ghandhiex taghti ebda centezmu lis-socjeta` rikorrenti talli hija hi li hija kreditur taghha u dan minhabba d-danni ingenti li gew lilha kawzati minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' hila fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet u l-indempjenza tas-socjeta` rikorrenti, fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilha fdat u dan skond ma sejjer jirrizulta waqt il-gbir tal-provi u mill-atti tal-kontro-talba li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment mal-prezenti.*

2. *Salv kontestazzjoni ulterjuri."*

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta tat-3 ta' Awissu 2007 (a fol. 29 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta` esponenti nkarigat lis-socjeta` rikorrenti/rikonvenzjonata sabiex tinstalla sistema ta' arja kondizzjonata fil-lukanda taghha, liema*

*nkarigu s-socjeta` rikorrenti accettat u bdiet tesegwixxi u suppost li ilha li esegwiet.*

2. *Illi s-socjeta` esponenti tat mano libera lis-socjeta` rikonvenzjonata sabiex taghmel dak kollu li kien hemm bzonn sabiex l-imsemmija sistema ta' arja kondizzjonata tigi nstallata bl-ahjar mod possibbli fl-imsemmija lukanda.*

3. *Illi fl-esekuzzjoni tal-imsemmi appalt is-socjeta` esponenti ma ndahlet xejn f'dak li kien qed jigi esegwit mis-socjeta` rikonvenzjonata u halliet f' idejha sabiex taghmel dak kollu li kien hemm bzonn sabiex jintlahaq il-ghan imsemmi.*

4. *Illi rrizulta li l-materjal uzat fl-esekuzzjoni tal-appalt moghti u x-xoghol li gie esegwit mis-socjeta` rikonvenzjonata kien skadenti u mhux ta' kwalita` tajba u wisq anqas ma kien dak miftiehem bejn il-partijiet.*

5. *Illi inoltre s-socjeta` rikorrenti sahansitra talbet certi hlasijiet minghand is-socjeta` esponenti li ma kellhiex dritt ghalihom, stante li kienu ghola minn dak li kien miftiehem.*

6. *Illi b'rizultat tad-difetti li nqalghu fis-sistema tal-arja kondizzjonata nstallata mis-socjeta` rikorrenti, inqala' wkoll inkwiet serju mal-klijentela li kienu jigu akkomodati fil-lukanda tas-socjeta` esponenti, kif ukoll mat-tour operators, li maghhom is-socjeta` esponenti kellha kuntratti ghall-akkomodazzjoni taghhom, rizultanti f' telf ta' qliegh ghas-socjeta` esponenti.*

7. *Illi b'rizultat tax-xoghlijiet hziena esegwiti mis-socjeta` rikorrenti, l-esponenti sofriet danni anke fil-proprjeta` taghha, u dan kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-gbir tal-provi.*

8. *Illi b'dan kollu gie mgharraf id-direttur manigerjali tas-socjeta` rikorrenti, diversi drabi u anke b' ittri registrati, u illi nonostante s-serjeta` u gravita` tas-sitwazzjoni, is-socjeta` rikorrenti ghazlet li ma taghmel xejn u ghalhekk rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni u sabiex jigu minimizzati d-danni ulterjuri, is-socjeta` esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr li tissostitwixxi s-sistema tal-arja kondizzjonata u dan wara pariri minghand persuni kwalifikati.*

9. *Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet mankanti fl-esekuzzjoni tal-appalt lilha moghti u minhabba t-traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' hila fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilha fdat mis-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` esponenti sofriet danni, li ghaliha hija responsabbli s-socjeta` rikonvenzjonata.*

10. *Tghid ghalhekk is-socjeta` rikonvenzjonata ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:-*

    *[1] Tiddikjara li x-xoghol esegwit mis-socjeta` rikorrenti ma kienx tal-kwalita` pattwita bejn il-partijiet u inoltre illi kien difettuz.*

    *[2] Tiddikjara lis-socjeta` rikorrenti responsabbli ghad-danni kollha subiti mis-socjeta` esponenti u dan kemm minhabba inadempjenza kontrattwali kif ukoll minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' hila fl-esekuzzjoni tal-appalt lilha fdat.*

    *[3] Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` esponenti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.*

    *[4] Tikkundanna thallas lis-socjeta` esponenti dawk id-danni li jigu hekk likwidati minn din il-Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

    *Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-11 ta'Marzu 2008 fejn innominat lil Perit Tekniku David Abela (a fol. 65 et seqq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-1 t'April 2008 fejn irrevokat l-inkarigu tal-Perit Tekniku David Abela (a fol. 69 et seqq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu gie nominat lil Perit Tekniku Alfred R Scicluna (a fol. 81 et seqq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-23 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu giet nominata lil Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg (a fol. 88 et seqq.);

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-26 ta' Gunju 2008 (a fol. 92 et seqq.);

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' attrici tal-15 ta'Lulju 2008 ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta (a fol. 104 et seqq.) li taqra hekk:

1. *Illi, ghar-ragunijiet gia' spjegati fir-rikors promotur tal-esponenti, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li:-*

a) *(b'riferenza ghall-para.l - 3 tal-kontro-talba) l-appalt gie esegwit kollu skond l-arti u s-sengha u skrupolosament skond l-"acknowledgement of order ACK 0002-224 (Dok.RM1) accettata mis-socjeta' rikonvenjonanti, kollox kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi ;*

b) *(b'riferenza ghall-para.4) il-materjal uzat fl-esekuzzjoni tal-appalt kien kollu ta'kwalita' tajba u skond kif miftiehem a bazi tal-"acknowledgement of order, (Dok.RMl) u ghalhekk mhux minnu li dan kien b'xi mod "skadenti";*

c) *(b'riferenza ghall-para.5) is-socjeta' rikonvenzjonanti qatt ma oggezzjonat ghall-ammonti mitluba fil-fatturi tas-socjeta' rikonvenzjonata li minn-naha taghha dejjem talbet hlas a bazi tal-prezzijiet miftehma kif jirrizulta mill-"acknowledgement of order "(Dok.RM I );*

d) *(b'riferenza ghall-para.6 - 10) mhux minnu li l-esponenti kkawzat xi telf ta, qliegh jew danni lis-socjeta' rikonvenzjonanti. Infatti, kull meta kien hemm bzonn ta' xi riparazzioni, l-esponenti dejjem baghtet it-technician taghha, izda*

> *zgur li qatt ma gew indikati lilha difetti fis-sistema minnha installata. Infatti, meta qamet il-kwistjoni fuq il-bilanc kbir dovut u s-socjeta' rikonvenzjonanti ppruvat iggib skuza fuq xi allegati difetti, hi giet mitluba tindikahom u tispecifika l-kmamar milquta (Dok. KM3) izda din qatt ma rrispondiet. Sussegwentement saret laqgha fil-prezenza ta' xhieda li wasslet ghall-ftehim specifikat fid-dok. RM4 u RM5 izda s-socjeta' baqghet qatt ma ffitmatu sempliciment ghax ma riedetx li jkollha thallas dak li kien dovut minnha."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici fuq l-aspetti teknici tal-4 t'Ottubru 2012 (a fol. 354 et seqq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Ing Alfred R Scicluna prezentat fl-24 t'April 2013, u mahluf fit-3 ta'Lulju 2012 (a fol. 379 et seqq.);

Rat id-digriet taghha tal-5 t'Awwissu 2013, li permezz tieghu gew nnominati il-periti addizzjonali Dr. Peter Caruana Galizia, Ingineer Carmel sive Charles Cuschieri u Chris Sammut (a fol. 424);

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Settembru 2015 li permezz tieghu gie sostitwiet il-Perit Tekniku Engineer Mario Magri minflok il-Perit Charles Cuschieri (a fol. 437);

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Settembru 2015 li permezz tieghu gie sostwitwiet Perit Tekniku Engineer Silvio Aquilina (a fol. 463) minflokk Chris Sammut;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

**Ikkonsidrat:**

**Raymond Mallia** xehed illi huwa l-Managing Director tas-socjeta rikorrenti, u spjega li r-relazzjoni professjoni bejn is-socjetajiet kontendenti bdiet f'Lulju tal-2003 meta s-socjeta ntimata kellha problema b'*chiller,* mhux supplit mis-socjeta rikorrenti u li hadd ma ried isewwih. Xehed illi s-socjeta rikorrenti kienet sewwiet dan ic-*chiller u*

sussegwentement, kienet giet mitluba taghmel aktar xoghol fuq l-arja kondizzjonata tal-lukanda. Xehed illi kien inghata l-ordni tax-xoghol fl-2004 u l-ordni kien sar u tlesta, u l-hlas beda jsir bil-mod. Qal illi eventwalment kien hemm skambju ta' ittri bejn is-socjetajiet kontendenti u kien gie abbozzat ftehim illi pero ma kienx gie ffirmat mis-socjeta ntimata. Xehed illi s-socjeta ntimata baqghat ma hallsitx il-bilanc rimanenti dovut, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Xehed illi s-socjeta rikorrenti **ma kissret l-ebda ligi bl-uzu tal-R22 ghaliex ghandha licenzja ghall-importazzjoni tieghu**, u zied illi l-R22 qatt ma kien perikoluz u li filfatt jintuza f'sistemi ohra ta' San Pawl Hotel, bhal ma huma l-*air conditioner* tar-*restaurant*, *id-dehumidifier* tal-pixxina u l-*cold rooms*. Xehed illi z-zieda li s-socjeta rikorrenti ghamlet fil-*fan coils,* kienet sempliciment *control switch* biex jinxteghel u jintefa l-apparat, li mieghu kellu *speed switch*.

Xehed illi qatt ma kien hemm *maintenance agreement* bejn is-socjetajiet kontendenti. Qal ukoll illi l-*capacitors* kienu originali mill-*fan coil* u li ma dahalx f'xiex kien il-problema ghaliex kien jaqbillu iktar jaqbad u jibdilhom kollha f'daqqa. Zied illi l-apparat il-gdid kien mahsub biss ghall-kazijiet ta' emergenza f'kaz li parti mill-*main chiller* jieqaflu l-kompressur. Qal li l-*indoor unit* kien gie mmodifikat biex jahdem ma' sistema tal-ilma. Qal ukoll illi din ma kienetx l-ewwel darba li ghamel din it-tip ta' nstallazzjoni. Rigward il-garanzija, qal li din kienet ta' sena. Xehed illi x-xoghol ma kienx kollu gdid, ghaliex huma kienu qed izidu ma' li kien hemm, u ghalhekk ma kellhomx pjanta. Spjega li hu hadem fil-kmamar u fis-shafts. Rigward is-sistema gia ezistenti, xehed illi kien hemm sistema ta' *static heating* li kienu nehhew u giet rimpjazzata mill-*fan coils cooling* u *heating*. Qal li l-kmamar tal-lukanda huma zghar u ghalhekk huma adattati tajjeb u qatt ma kellhom ilmenti bin-nuqqas ta' *cooling* jew *heating*.

**In kontro-ezami** xehed illi s-socjeta ntimata ma kienetx ghamlitlu rimarki fuq ix-xoghol, u qatt ma qaltlu kif ghandu jesegwixxi x-xoghol, apparti xi dettalji rigward per ezempju fejn jitpoggew il-units, izda l-bqija hadem fuq li hemm fl-*acknowledgment order*. Mistoqsi rigward l-installazjoni ta' kompressur gdid fl-ammont ta' Lm38,764.03 xehed illi dan m'ghandux x'jaqsam max-xoghol meritu ta' din il-kawza u kien thallas ghalih. Ikkonferma illi l-kompressur kellu garanzija, izda

ma kienx jaf jekk il-kompressur li installa gratlux il-hsara ftit xhur wara l-installazzjoni. Ikkonferma illi kien biddel il-*capacitors* li kien installa, u zied illi l-*capacitor* kollha tbiddlu mill-ewwel, mhux biss dawk li fallew. Qal illi kien hemm xi muturi ta' *fan coils* li kienu marru, pero ma kienx hemm ammont kbir u ghalhekk, fl-esperjenza tieghu, dan ma kienx annormali. Mistoqsi jekk kienx il-kaz illi jitbiddlu kollha wiegeb fin-negattiv, peress li kien hemm ammont biss zghir li kienu marru, u zied illi s-socjeta rikorrenti kienet bidlithom minghajr hlas ghaliex kienu taht il-garanzija. Mistoqsi kemm hi l-hajja ta' mutur wara li jigi nstallat wiegeb illi dan jiddependi minn cirkostanzi varji.

B'referenza ghal Dok RM4 xehed illi dan qatt ma kien gie ffirmat mis-socjeta ntimata u li din hija l-originali. Qal illi huwa ma kienx issuplixxa l-erbghin *indoor blowers* tal-*fan coil motors* ghaliex ma kienx gie ffirmat il-ftehim. Qal illi ma jiftakarx li kien gie nformat illi l-hotel kellhom ilmenti ta' *air conditioners* li ma kienux qed jahdmu, **u zied li lanqas li kieku, xorta ma kienux imorru sakemm ma kienx jigi mhallas il-bilanc dovut**. Mistoqsi jekk Spiteri kienx informah dwar il-fatt li t-*tour operators* kienu qed ifitixxu s-socjeta ntimata ghad-danni, xehed illi kien gie nformat dwar dan diversi drabi u fil-fatt kienu lahqu ftehim. Mistoqsi jekk fuq medda ta' sentejn u xahrejn, Spiteri semmielux xi haga dwar l-ilmenti li kellu, **wiegeb fin-negattiv ghaliex li kieku kienu jmorru**. Qal illi sal-laqgha li kellhom il-partijiet, l-*air conditioners* kienu jahdmu u kienu ftehmu li jaghtih il-muturi u s-socjeta ntimata thallas il-bilanc pendenti.

Xehed illi l-*air conditioners* tal-kmamar installati mis-socjeta rikorrenti huma ta' ditti differenti, u ma kull *unit* fil-kamra kien hemm imwahhal id-dokument mmarkat bhala Dok RM6, pero s-socjeta ntimata ma kellhiex tifhem illi l-*air conditioner* huwa maghmul mid-ditta ndikata fuq id-dokument, ghaliex kellha tibqa' mal-ftehim li hemm bejn il-partijiet. Mistoqsi jekk kienx ha struzzjonijiet mill-fabbrika dwar kif ghandhom jigu nstallati l-*units*, wiegeb illi kien hu li jaghti struzzjonijiet lill-fabbrika u mhux vice versa.

Qabel illi fid-9 ta' Mejju 2006, u cioe wara l-laqgha li saret fl-1 ta' April 2006, is-socjeta ntimata kienet rcievet pagament ta' Lm1000. Rigward il-garanzija xehed illi din kienet fuq materjal supplit li jkun difettuz, u li din hija l-garanzija moghtija lilhom

mill-manifattur, li f'dak iz-zmien kienet ta' sena. Xehed li ma jafx jekk is-socjeta ntimata kienetx informata b'dan kollu rigward il-garanzija pero zgur li ma gietx informata bil-miktub. Mistoqsi ghalfejn is-socjeta rikorrenti kienet issuplit 40 mutur jekk il-muturi kienu ghadhom funzjonanti xehed illi fis-sistema m'hemmx affarijiet li jistghu immorru sakemm ma taghmilhomx hsara apposta, u li hemm biss riskju li jkun hemm xi leak, li jista' jissewwa. Xehed illi peress illi kien hemm il-problemi bil-capacitors fil-bidu, xi muturi kienet gratilhom il-hsara, izda dawn kienu inbidlu. Zied illi ghalhekk dawn l-40 muturi li s-socjeta rikorrenti kienet ser tisupplixxi b'xejn kienet intizi biex ikunu *spares.* Xehed illi kienet is-socjeta rikorrenti li kienet timmanifattura dawn il-units fil-fabbrika li ghandha c-Cina, imbaghad bhala marka tpoggi Simair, United AC jew Soulis, li kienu kollha l-istess, bl-isem biss differenti ghaliex kienu jwahhlu label fil-fabbrika skont il-klijent min ikun. Qabel li kien hu li rrakkomanda s-sistema lis-socjeta ntimata wara li kien ghamel kalkolazzjonijiet skont il-*load* fil-kmamar u s-sistema kollha, u huma kienu accettaw. Qal illi kull kamra tista' tintefa indipendentement mill-ohra u kull kamra kellha *off* u *speed switch*. Ikkonferma illi Freeon 22 huwa teknikament riferut bhala HCFC22, izda nnega li din hija sustanza projbita u zied li filfatt kienet ghada kif hargitlu licenzja minn Brussel sabiex ikun jista' jimporta l-R22 mic-Cina.

Raymond Malta xhed li hu inginier,spjega illi ghandu l-*open licences* u HTD Diploma fl-elettriku, u li studja hafna fir-*refridgeration.* Xehed illi l-hajja lavorattiva tas-sistema nstallata mis-socjeta rikorrenti fil-lukanda in kwistjoni, tiddependi minn kemm isir maintenance, inkluz *routine maintenance.*

**In re-ezami** xehed illi s-socjeta rikorrenti qatt ma rcievet pagament ta' Lm5000 minghand is-socjeta ntimata, u li l-pagamenti kollha effetwati mis-socjeta ntimata jidhri fuq ir-rendikont esebit. Zied illi hadd mis-socjeta ntimata ma kkunttatjahom biex jaghtiom xi pagament wara li l-laqgha li kienet saret. Qal illi l-ftehim li kienu waslu ghalih fil-laqgha, kien li s-socjeta rikorrenti tissuplixxi 40 mutur bhala parti mill-garanzija avvolja din kienet skadiet, u dan biss bhala offerta ta' negozju u mhux ghaliex kien hemm xi muturi ma jahdmux. Fir-rigward tal-*condensation* fil-kurutur, xehed illi l-*pipes* u l-*insulation* ma kienux installati mis-socjeta rikorrenti izda kienu hemm diga meta marru jahdmu tas-socjeta rikorrenti. Qal li hu filfatt kien informa lis-socjeta ntimata li s-sistema li kien hemm ma kienetx adattata biex tkessah u li

ghalhekk kellha tinbidel u li filfatt l-*insulation* kien inbidel mis-socjeta ntimata. Xehed li l-fatt li kien hemm seba' (7) *fannijiet* weqfin, m'ghandux x'jaqsam mal-appalt originali ghaliex dawn kienu nxtraw wara li kienet ghalqet il-garanzija tac-*chillers.* Dawn il-fannijiet gew installati minn Walter Caruana, u kienu dawn li ma kienux qed jahdmu waqt l-access.

**Victor Cassar** xehed illi huwa impejgat mas-socjeta rikorrenti bhala *technical manager* u kien involut fl-installazzjoni u *commissioning* ta' tlett *water chillers* u *fan coil* units fil-bar ta' San Pawl Hotel. **Qal illi dan is-sistemi hu hallihom jahdmu tajjeb u sa fejn jaf hu hadd mis-socjeta rikorrenti ma mar isewwi fuqhom.**

**Albino Formosa** xehed illi huwa impjegat mas-socjeta rikorrenti bhala *refrigeration* u *air conditioning technician* u kien involut fl-installazzjoni u l-*commissioning* tas-sistema ta' arja kondizzjonata tal-lukanda San Pawl Hotel. Spjega illi wara li kien installa u pprogramma s-sistema b'success, kien ghallem lil Lino Cremona, li dak iz-zmien kien il-*general manager* tal-lukanda, kif tahdem is-sistema u ra li kien kapaci jhaddimha sew. Kompla li huwa kien sahansitra mar izur il-kumpanija li timmanifattura din is-sistema barra minn Malta, biex jistharreg aktar fuqha qabel ma installaha. **Xehed illi wara li tlesta x-xoghol, sar jaf li s-socjeta ntimata ma kienetx qed thallas u ghalhekk meta kien gie mitlub biex imur jaghmel xoghol fuq il-programm tas-sistem, ghaliex min kien beda jahdem minflok Cremona ma kienx jaf ihaddem is-sistema sew, kien qalilhom li hu ma kienx ser imur minghajr struzzjonijiet minghand is-socjeta rikorrenti.** Xehed illi l-informazzjoni li kien hemm fuq ic-cd tal-programm, setghet tigi *downloaded* mill-*website* tal-Carel b'xejn. Xehed illi Cremona kellu l-password tal-programm bhala Administrator, li hu biss seta' jibdilha u li kienet tkun bzonnjuza biex taqleb mill-*heating* ghal *cooling* meta jinbidel l-istagun, u biex tbiddel parametri ohra mportanti. Qal illi allura, jekk Cremona ma ghaddilhomx il-*password* qabel ma telaq, huma ma setghux ihaddmu l-program.

Fir-rigward tal-*pipes* li jghaddu mil-kuritur tal-ewwel sular, xehed illi dawn kienu diga hemm u ghalhekk ma installawhomx huma, u kienu jintuza ghal sistema ta' *static heating* li kien hemm fil-kmamar. Xehed illi minhabba li dawn kienu tal-hadid u ma kellhomx insulation tajjeb ghal *cooling,* kienu jgherqu (*condensation)* xi ftit u kien

jaqa' l-ilma fuq is-soffett. Xehed illi kien qalilhom b'dan waqt li kienu qed jaghmlu x-xogholijiet, izda s-socjeta ntimata kienet qalet li l-*insulation* kienu ser jibdluh huma. Qal ukoll illi sakemm dam imur San Pawl Hotel **ma bidilx iktar minn sitt muturi tal-*units* ta'gewwa tal-arja kondizzjonata.**

**Joseph Bonello** xehed illi huwa mpjegat mas-socjeta rikorrenti bhala *refrigeration* u *air conditioning technician.* Xehed li huwa kien involut l-aktar fl-installazzjoni tal-*copper pipe work* u l-*air conditioning units* tal-kmamar, u spjega illi waqt li kien hemm xi partijiet diga jahdmu, kienu marru xi *capacitors* li jhaddmu l-*blowers* tal-*units* ta' gewwa u kien irraporta dan lil Ray Mallia. Xehed li Mallia kien qallu biex jibdel il-*capacitors* kollha, minkejja l-fatt illi l-problema kienet biss fi ftit minnhom. Zied illi wara li biddel dawn il-*capacitors,* ma regghux marru u ma kienx hemm iktar problemi.

**Frans Spiteri** xehed illi huwa jokupa l-kariga ta' direttur manigerjali tas-socjeta ntimata. Spjega li f'Awissu 2003 kien qabbad lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmel ix-xogholjiet necessarji wara li kien waqaf jahdem il-kompressur tas-sistema tal-arja kondizzjonata, u wara li ghamel ix-xoghol li kellu jaghmel, Mallia, id-direttur tas-socjeta ntimata, assigurah li seta' jserrah mohhu, u qallu li anke kien installa *safety features* godda. Kompla illi peress li ried jixtri kompressur gdid, Mallia kien qallu li hu kien agent ta' diversi ditti u li l-prezz kien ivarja skont il-kompressur. Zied li wara xi granet, kien qallu li ried kompressur tad-ditta COMPLAN u Mallia kien informah li l-prezz kien ta' Lm3,600. Xehed li Mallia kien ordna l-kompressur li kien wasal fis-sena 2004, twahhal u beda jahdem fl-ahhar tal-istagun, u s-socjeta rikorrenti harget kont ta' Lm4,600 u mhux kif kienu ftehmu.

Xehed illi fl-ahhar ta' Ottubru 2005, kien inharaq l-ewwel kompressur, u cioe dak li kienu sabu jahdem meta xtraw il-lukanda, u thallas ta' dan minghand l-assigurazzjoni. Kompla li fis-sena ta' wara, **inharaq il-kompressur il-gdid li kienu ghadhom kif xtraw minghand is-socjeta rikorrenti,** izda fir-rigward ta' dan, l-assigurazzjoni ma rieditx thallas **peress li suppost kien ghadu taht garanzija**. Zied li illum il-gurnata dan ic-*chiller* gie *scrapped.* Xehed illi peress illi Mallia kien assigurah li bix-xoghol li ghamlet is-socjeta rikorrenti kollox kien ser jiffunzjona tajjeb, kien thajjar jaghmel il-kmamar l-ohrajn bl-arja kondizzjonata u ghalhekk kien talab lis-socjeta rikorrenti

sabiex tinstalla sistema ta' arja kondizzjonata f'108 kamra tal-lukanda. Qal illi Mallia kien issugerrixxa li jkun hemm tliet chillers ta' 20HP kull wiehed, li kien ser jibnihom hu, biex jikkomunikahom mac-*chiller* il-kbir, u b'nefqa ta' Lm7,500, apparti l-prezz ghat-tqeghid. Xehed illi hu kien issuggerixxa li minflok ma jsir dan, jixtru wiehed komplut minbarra izda Mallia insista li jisma minnu u ghalhekk halla f'idejh. Xehed illi waqt l-esekuzzjoni tal-appalt, bdew jinqalghu hafna problemi u kien hemm xi okkazzjonijiet fejn l-impjegati tieghu kienu jaghmlu bicca xoghol sitt darbiet wara xulxin, u **ghalhekk kienu gibdu l-attenzzjoni ta' Mallia dwar dan**. Xehed illi wara dan, kienet giet installata wkoll, fuq suggeriment ta' Mallia, sistema sabiex l-arja kondizzjonata tkun tista' tigi regolata mir-reception, u ghal dan hallsu Lm8,000 ohra.

Xehed illi c-chillers bdew bil-problemi mill-ewwel, u fl-ewwel gimghatejn kellhu jinbidel l-*condenser* ghaliex inharaq, apparti illi l-pjanci li ntuzaw biex jghattu issaddu u ttaqbu peress li kienu pjanci komuni. Qal ukoll illi l-muturi bdew imorru mill-bidu w uhud kellhom jitbiddlu. Qal li barra minn hekk, il-fan coils gew perikolzu u filfatt kienu ilmentaw mas-socjeta rikorrenti dwar dan, u s-sistema li tixghel il-fancoil bil-*computer* waqfet tahdem wara xi zmien, **izda s-socjeta rikorrenti ma riedetx taccetta li tibghat it-*technician* qabel ma tithallas.** Qal li ghalhekk kienu qabbdu lil certu Walter Caruana li kien sab li kien hemm hafna problemi fis-sistema kif installata mis-socjeta rikorrenti, tant illi damet wieqfa snin u s-socjeta ntimata qed tbati danni ngenti. Qal illi huwa kemm il-darba kellem lil Mallia dwar dawn id-difetti u talbu li jmur jarahom u jirranghom izda eventwalment kien wieghed illi jibghat 50 mutur tal-fancoils biex dawk difettuzi jinbidlu. Xehed li peress li wara xahar is-socjeta rikorrenti kienet ghada ma baghtet xejn, kienu baghtu pagament ta' Lm1000 buona grazzja, izda sa dan it-tant, l-agenti tal-ivvjagar bdew jirrifjutaw li jibghatulhom turisti minhabba s-sitwazzjoni gravi li kienet fiha l-lukanda, u ghalhekk is-socjeta ntimata kienet u ghada ssoffri danni kbar. Qal inoltre illi huma kienu qabdu lil Engineer Scerri sabiex jaghmel spezzjoni u **dan kien ikkonkluda illi s-sistema kienet perikoluza u setghet tikkaguna xi incident fatali jekk isir uzu minnha.**

Xehed illi huwa jikkalkula li bhala *occupancy* rate kien ikollu qisu 75% tal-kmamar okkupati, u cioe 81 kamra, u l-qliegh nett kien ikun ta' circa €10 il-kamra. Xehed li peress li kien hemm xi kmamar li attwalment kera, l-bazi tal-pretensjoni tieghu hija ta' xi 80% mill-81 kamra. Ikkalkula li ghalhekk it-telf soffert mis-socjeta ntimata

huwa fl-ammont ta' €830,050, u cioe telf ta' €10 fil-gurnata, ghal 65 kamra ghal 1277 gurnata:

**€10 X 65 X 1277 = €830,050**

**In subizzjoni** xehed illi Mallia kien qallu li hu inginier ikkwalifikat u li allura s-socjeta ntimata ma kellha bzonn tqabbad li hadd izjed ghal dan ix-xoghol. Qal illi l-konkluzjoni kienet illi Mallia jirranga l-affarijiet u hu qatt ma cahdu mill-hlas. Xehed illi s-socjeta ntimata ma hallsitx il-bilanc pendenti lis-socjeta rikorrenti ghaliex il-problemi bdew jidhru mill-ewwel. Xehed illi meta telaq Cremona, kien hemm kmamar fejn is-sistema tal-arja kondizzjonata kienet tahdem, u ohrajn fejn le, u c-*chillers* waqfu jahdmu **wara xi xahrejn jew tlieta**, **u li f'Ottubru 2005, kien hemm 40 kamra fejn l-arja kondizzjonata ma kienetx qed tahdem** u filfatt kien hemm ftehim li s-socjeta rikorrenti tissuplixxi hamsin mutur biex jirrangaw.Spjega li fil-laqgha kienu ftehmu verbalment illi s-socjeta rikorrenti tirranga dak kollu li kien hemm hazin fis-sular fejn hadmet is-socjeta rikorrenti u mbaghad is-socjeta ntimata thallas il-bilanc pendenti. Mistoqsi ghaliex allura ma ffirmax dan il-ftehim, xehed illi dan kien ghaliex wara l-laqgha, l-*accountant* tas-socjeta ntimata Chris Abela, kien cempel lil accountant tas-socjeta rikorrenti biex jghidlu li ghandu pagament jistennieh, izda dan ma kienx gie. Xehed li allura l-ahhar pagament li kienet effetwet is-socjeta ntimata kien ta' Lm5000.

**In kontro-ezami** xehed b'referenza ghal paragrafu 4 tal-affidavit tieghu illi l-ftehim mas-socjeta rikorrenti kien illi taghmel dak kollu li kien hemm bzonn fis-sistema tal-wiring tac-chiller, u s-socjeta ntimata hallset il-kont kollu li s-socjeta rikorrenti kienet harget ghal dan ix-xoghol. Xehed illi s-socjeta ntimata ma kienetx hallset il-kont ta' Lm4,600 dovut ghal kompressur tal-Copeland ghaliex ma hareg il-kont kienu qed jinnegozjaw fuq affarijiet ohra u kienu qed jaghmlu pagament on account. Xehed li l-kompressur il-gdid kien inharaq circa f'Ottubru 2006, izda m'ghandu xejn bil-miktub rigward meta l-assigurazzjoni irrifjutat li thallas ghaliex ma kienx ghamel claim peress illi tal-assigurazzjoni kienu qalulu bil-fomm li ma kienux ser ihallsu ghax suppost kien kopert bil-garanzija. Xehed illi meta qal li inharqu seba' condenser fans ohra dan kien ghal fl-2006. Xehed li hemm iktar minn 66% mill-108 kmamar tal-lukanda fejn giet installata din is-sistema li ma tahdimx l-arja kondizzjonata, u li terga

skont l-Inginier tieghu, s-sistema hija kkundannata fil-kmamar kollha ghaliex hija perikoluza. Xehed illi s-sistema kienet ilha li waqfet tahdem sa mill-2008. Xehed illi d-difetti pero kienu ilhom jidhru mit-2006 u dak iz-zmien Mallia kien isserahhlu mohhu li s-socjeta rikorrenti kienet ser tiehu hsieb kollox. Spjega li ma jistghax jesebixxi ricevuti fiskali fir-rigward ta' dawk il-klijenti li tawhom refund ghaliex la inghatat refund ma tohrogx ricevuta fiskali. Xehed illi dawn ir-refunds kienu jigu mnizzlin fuq kotba izda illum il-gurnata ma jafx fejn huma dawn il-kotba. Mistoqsi ghalfejn baqa' juza s-sistema ladarba l-Inginier Scerri qallu li kkundannata u perikoluza, wiegeb illi s-sistema ilha wieqfa sentejn u ghalhekk lanqas li kieku ried juzaha ma seta', u kellhom arja kondizzjonata biss dawk il-kmamar fejn is-sistema ma gietx installa mis-socjeta rikorrenti, u cioe 63 kamra, li 51 minnhom diga kellhom l-arja kondizzjonata meta s-socjeta ntimata xtrat il-lukanda, u t-12 l-ohra kienu godda u l-arja kondizzjonata giet installata minn kumpanija differenti. Xehed illi hu ma jistghax jesebixxi ricevuti fiskali ghaliex il-pagamenti isiru minn barra u jibaghtu l-kontijiet barra.

**L-Ingineer Emle Scerri** irrediga rapport mahluf skont liema s-sistema ta' arja kondizzjonata installata mis-socjeta rikorrenti tmur kontra l-konvenzzjonijiet ta' Vjenna u Montreal tal-1987 u dak inkorporat fis-sistema legali Maltija f'Marzu 2002. Irraporta wkoll illi s-socjeta rikorrenti ghamlet installazzjoni billi uzat prodott hazin li tpoggi riskju kbir fuq il-haddiema tal-manutenzjoni ghax is-sigurta tal-apparat ghall-uzu intenzjonat giet kompromessa.

**Mario Puglisevich** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *general manager* mas-socjeta ntimata u ilu jokkupa din il-kariga minn Gunju 2009. Xehed illi peress li s-socjeta ntimata qed thaddem lukanda b'mija u tmien kamra minghajr arja kondizzjonata qed ikollu jirrifjuta hafna *bookings* peress li ma jistghax joffri dawn il-kmamar lit-*tour operators*. Xehed illi fl-istagjun tas-sajf certu swieq jaccettaw biss kmamar jekk ikollhom is-sistema tal-arja kondizzjonata installata fihom, u dan apparti l-fatt illi fix-xitwa l-kmamar suppost joffru s-shana. Zied illi barra minn hekk, lanqas jista' jiftah swieq godda u jikkuntattja *tour operators* ohra, peress li m'hemmx bizzejjed kmamar bl-arja kondizzjonata x'joffru. Qal illi minhabba dan kollu, s-socjeta ntimata qed titlef ammonti kbar ta' flus, u m'hijiex f'posizzjoni li tikkompeti ma' lukandi ohra tal-istess kategorija. Xehed illi inoltre skont l-Avviz Legali 82/2002, il-kategorija tal-lukanda in

kwistjoni ma tistghax toffri kmamar lit-turisti jekk ma jkollhomx is-servizz ta' shana fl-istagjun tax-xitwa. Xehed illi kemm il-darba kien hemm turisti illi qassru l-visita taghhom minhabba n-nuqqas ta' arja kondizzjonata u ghalhekk is-socjeta ntimata tithallas ta' dawk il-ftit jiem biss u mhux tal-*booking* shih u kien hemm anke kazi fejn kellhom ihallsu kompens lit-*tour operator* ghaliex il-klijent ma kienx sodisfatt, u anke tilfu *bookings* ta' "*walk ins"* meta jghidulhom li m'ghandhom arja kondizzjonata fil-kmamar.

**Carmelo Cremona** xehed illi huwa kien jahdem bhala General Manager is-San Pawl Hotel sal-ahhar ta' Ottubru 2005. Xehed illi Albino kien urihom kif tahdem is-sistema tal-*computer* li ghandha x'taqsam mas-sistema tal-arja kondizzjonata u kullhadd kellu *code* tieghu. Qal illi sakemm telaq, is-sistema kienet tahdem ghalkemm kellhom xi problemi fil-bidu u ghalhekk kienu nbidlu l-*capacitors,* u kellhom anke jinbidlu xi muturi. Xehed li wara li kien telaq, kien attenda laqgha fejn kien hemm prezenti wkoll Spiteri, Mallia, Franky Spiteri u Walter Caruana, ghaliex kien hemm xi problemi bis-sistema tal-arja kondizzjonata fejn Spiteri qal li kien hemm hafna problemi bil-muturi tal-*fan coil unit* ta' xi hamsin *indoor units.* Cermona ftakar illi Mallia qal illi dawn il-hamsin mutur kien ser jaghtihomlu izda Spiteri kellu jhallas. Zied illi pero ma jafx jekk kienux lahqu ftehmu peress illi hu kien telaq. Spjega li mill-*computers,* apparti l-*on/off switch* kien hemm il-*parameters* ghat-temperatura u *fan speed,* filwaqt li l-klijent kellu biss *on/off switch.*

**In kontro-ezami** xehed illi l-installazzjoni tas-sistema tal-arja kondizzjonata tlestiet f'Mejju, **izda bejn Mejju u Ottubru kienu saru riparazzjonijiet spissa ghaliex kienu marru xi muturi ta' kmamar differenti, u cioe si sitt jew tmien darbiet.** Qal illi s-socjeta ntimata kienet marret l-ghada jew il-gurnata ta' wara biex taghmel it-tiswijiet necessarji, u kienet biddlet l-muturi problematici. Ma ftakarx li kien hemm xi *manuals* u **qal li s-sistema kienet *home made* fis-sens illi kienet *made to measure*.** Spjega li s-sistema kienet tahdem billi l-klijent jordna l-*air conditioner* ghal certu dati, u imbaghad iddahhal in-numru ta' kamra u d-dati fuq il-*computer* u dan kien jixghel l-*air conditioner* ghal dik il-kamra u dawk id-dati. Xehed **illi wiehed mid-difetti magguri li kien hemm kienu l-*capacitors* u s-sistema tal-*computer* kienet tiddependi fuqhom.**

**Walter Caruana** xehed illi huwa kien mar jaghmel studju fuq l-elettriku ta' San Pawl Hotel u ghamel il-pjanti tal-*electrical wiring.* Ftakar li kien iqala kaz fejn kien hemm hsara fi tliet *water chillers* u kien mar jarahom flimkien mat-tifel ta' Frank Spiteri, u sabu li **kien hemm xi 6 jew 8 *condenser fans* bil-hsara.** Xehed illi kienet saret laqgha dwar dan fejn kien hemm ukoll prezenti Spiteri, Franky Spiteri hu u Mallia u s-socjeta ntimata kienet talbet lis-socjeta rikorrenti sabiex tirranga c-chillers u ghalhekk kien intbaghat Albino sabiex jikkonferma l-hsara. Caruana xhed li dehrlu li din il-laqgha kienet marret tajjeb ghaliex il-partijiet kienu ftehmu li s-socjeta rikorrenti tirranga l-hsarat u l-problemi kollha u taghti lis-socjeta ntimata xi 50 *evaporator fans* u filfatt Spiteri kien ta parti mill-hlas li kienu ghadu dovut lis-socjeta rikorrenti, ghalkemm ma jafx kemm kien ic-cekk, u ftehmu li wara li jsiru t-tiswijiet kollha necessarji, is-socjeta ntimata thallas il-bilanc rimanenti. Xehed illi darba kien biddel zewg muturi tal-i*ndoor units* izda ma jiftakarx li kien biddel xi capacitors. Xehed illi kienet inqaghlat ukoll problema fin-network tal-computer li kellu x'jaqsam mas-sistema tal-arja kondizzjonata u peress illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx marret tara x'kienet il-problema, kien ha hsieb hu flimkien mat-tifel ta' Spiteri **u sabu li l-problema kienet *short circuit* fil-wire u loose connection. Kompla li wara kien hemm hafna units bil-hsara u problema bil-condensation fil-pipes tas-shaft u condensation fil-kuruturi.**

**In kontro-ezami** xehed illi l-*fan coils* li gew installati fil-lukanda kienu jahdmu b'ilma kiesah, u l-*fan coils* kienu evaporators R22 u cioe bil-gas direct expansion u ghalhekk biex gew jahdmu bl-ilma kellha ssir modifikazzjoni. Xehed li hu hadem xi darbtejn fuq il-*fan coils* u sab problemi fihom, u li ma kellux pjanta tas-sistema. Lanqas Frans Spiteri u ibnu ma kellhom tali pjanta. Xehed illi kien dam xi tliet nofstanhari jipprovi jirranga l-problema fis-sistema tal-computer ukoll ghaliex kien hemm il-problema li hadd ma kellu l-password meta kien telaq Cremona. Xehed illi biex jitfi l-fan coil li kien qed jahdem fuqu ma setghax jiftih mis-switch u ghalhekk kellu jiskomunika l-wire, izda kkonferma li qatt ma ha xokk. Qal li kien facli biex isir ix-xoghol ta' manutenzjoni fuq din is-sistema. Xehed lii l-*condensor fans* marru fi stagjun wiehed, u l-*body* kien issaddad u kellhom jizbughom. Qal illi kif sabha hu, is-sistema kienet tahdem parzjalment, kellha l-*fan coils* ma jahdmux u c-*chillers* ukoll kellhom il-problemi.

**In re-ezami** xehed illi il-parametri ta' sistema low voltage, u cioe ta' 70 volts l-isfel li ma jkunx perikoluz ghall-bniedem, filwaqt li l-voltagg tal-*control circuit* tal-*indoor unit* kienet ta 240 volts, u kellu transformer fuqu li jwaqqa il-voltagg. Xehed illi hu qatt ma biddel il-*copper pipe* work u lanqas ma mmodifikah, u li dan ma kienx xogholu. Xehed li kien hemm problema wkoll fl-*expansion valve* billi kien qed johrog il-gas u filfatt kien bidilu. Xehed li l-*condenser* li kellu problema ta' *leakage* kien dak tal-gas. Qal li meta biddel is-sitt fannijiet, ic-*chillers* hallihom jahdmu it-tlieta li huma.

**Franky Spiteri** xehed illi huwa direttur ta' San Pawl Hotel u ilu jaghmel *maintenance* f'dan il-hotel ghal sitt snin u erbgha xhur u huwa iben ir-rapprezentant tas-socjeta ntimata Frans Spiteri. Spjega li l-ewwel darba li qabbdu lis-socjeta rikorrenti tahdmilhom, kien meta kellhom *chiller* bil-hsara, u Mallia flimkien ma' technician minn tieghu, kien sewwa l-hsara li kien hemm. Kompla illi peress li kien hemm kompressur iehor li ma kienx jahdem, kien gie miftiehem li jinbidel il-kompressur il-hazin b'wiehed gdid tal-istess marka, ghaliex is-socjeta rikorrenti qalitlhom li kienet agenta ta' din id-ditta. Giet nstallata l-arja kondizzjonata fil-52 kamra li kellhom, u din is-sistema bdiet tahdem b'mod aktar efficjenti. Qal li ghalhekk missieru kien iddecieda jaghti appalt lis-socjeta ntimata biex tigi nstallata sistema ta' arja kondizzjonata fil-kumplament tal-lukanda, u cioe 108 kamra, u halla kollox f'idejn Mallia, biex jiddeciedi x'kien l-ahjar li jsir u x'ditti jintuzaw. Xehed li l-ewwel gew ordnati u installati 3 chillers tal-20 HP il-wiehed, imbaghad gew installati il-fan coils godda, u l-installazzjoni tas-sistema l-gdid kienet **lesta fl-2005.** Xehed li waqt li kienu qed jitwahhlu l-*fan coils* fil-kmamar, ic-*chiller* l-antik rega nqalalu l-problemi ghaliex wiehed mill-kompressur nharaq, izda ghall-ewwel ma ssewwiex. Qal illi meta gew biex ihaddmu s-sistema, kienu marru t-technicians tas-socjeta rikorrenti u l-inkwiet kien beda minn hemm, billi t-technicians sabu li kien hemm problema bil-*capacitors* ghaliex ma kienux komptabbli mad-dawl ta' Malta u ghalhekk kienu nbidlu l-*capacitors* kollha, filwaqt li sa dan it-tant, bdew imorru ukoll il-muturi tal-*fan coils*. Ghalhekk kienu nbiddlu wkoll xi 12 -il mutur. Xehed illi meta kien esprima thassib ma' Mallia dwar il-muturi, dan kien serrahlu mohhu u qallu li filkaz bhal ma nbiddlu l-*capacitors* kollha, jinbidlu l-muturi kollha. **Xehed li b'kollox inbiddlu xi 25 mutur mill-108 kmamar installati mis-socjeta rikorrenti, u minn dawn 12 gew mibdula**

**mis-socjeta rikorrenti a spejjez taghha, u t-13 l-ohra kellha thallas ghalihom is-socjeta ntimata.**

Xehed illi l-problemi bdew jizdiedu billi **inharaq il-kompressur tac-*chiller* il-kbir, li kienu ghadhom kif xtraw minghand is-socjeta rikorrenti,** u fir-rigward tac-chillers iz-zghar installati mis-socjeta rikorrenti, dawn kellhom bzonn li jitbidlulhom iz-zewg fannijiet mal-ewwel gimghatejn, filwaqt li wara stagun, kienu marru zewg fannijiet ohra li kellhom jirrangawhom huma sakemm l-Inginier Scerri qallu biex ma jaghmlux aktar xoghol fuqhom ghaliex kien perikoluz peress li ma kienux mahdumin skont is-sengha. Xehed li ghalkemm skont hu kienu ghadom bil-garanzija, is-socjeta rikorrenti ma riedetx tibdilhom, u meta marru biex jixtru l-godda minghand is-socjeta rikorrenti kien hemm lavrant li qallu li l-fannijiet li kellhom installati ma kienux ta' kwalita tajba u ghalhekk kienu qed imorru daqshekk malajr. Xehed illi filwaqt li l-prezz ta' dawn installati kien ta' Lm18 il-wiehed, dawk li xtraw kienu jqumu Lm57 il-wiehed, u xtraw 7 minnhom, pero wara xi ftit li kienu ilhom installati marru wkoll. Qal li ghalhekk illum il-gurnata dawn ic-chillers ma jistghux jintuzaw peress li huma perikoluzi skont l-Inginiet Scerri.

Qal illi s-sistema kollha ilha wieqfa ghal sentejnu ghalkemm talbu lis-socjeta rikorrenti ghal pjanti tax-xoghol li hadmu u l-manual tan-network is-socjeta rikorrenti baqghat ma tathom xejn minn dan. Xehed illi ghalhekk is-socjeta ntimata qed issofri danni peress illi qed ikollhom jaghtu *refunds* lit-turisti ghaliex l-arja kondizzjonata ma tahdimx, apparti li jkun hemm turisti li jkunu jridu refund tal-akkomodazzjoni wkoll wara l-arja kondizzjonata tieaqf tahdem wara xi jiem. Zied li apparti minn hekk, qabel l-installazzjoni tas-sistema tal-arja kondizzjonata, il-kmamar kellhom radiators biex isahhnu l-kmamar fix-xitwa, izda dawn kienu tnehhew in anticipazzjoni tas-sistema tal-arja kondizzjonata u ghalhekk il-kmamar lanqas jissahnu ma jistghu.

**Sandra Camilleri** xehdet illi hija tahdem bhala *receptionist* f'San Pawl Hotel u kienet ilha tahdem hemm sa min qabel il-lukanda inxtrat mis-socjeta ntimata. Spjegat illi San Pawl Hotel kellha sistema fejn min kien jaghmel booking ghal kamra standard kien ihallas, jekk irid, rata gornaljiera ghal arja kondizzjonata, u kien hemm ukoll kmamar superjuri li kellhom l-arja kondizzjonata. Spjegat illi fil-bidu s-sistema ta' arja kondizzjonata kienet tahdem, izda wara xi disa' xhur bdew jinqaghlu l-problemi, u

cioe ta' spiss *air conditioner* kien jieqaf jahdem xi jumejn wara li jkun jinxteghel, u dan apparti li kien hemm ilmenti rigward *air conditioners* iqattru. Xehdet illi meta turist kien jaghmel ilment li l-arja kondizzjonata waqfet tahdem, kien jippretendi refuzjoni tal-flus li hallas. Kien hemm min kien sahansitra jitlaq mill-lukanda, specjalment fil-kazijiet fejn kienu jibdlulhom il-kamra u l-*air conditioner* ta' dik ikun ma jahdimx ukoll. Qalet illi pero qatt ma kellhom problema bl-*air conditioners* tal-kmamr superjuri li kien diga kellhom sistema ta' arja kondizzjonata meta kienet bdiet tahdem f'din il-lukanda.

**In kontro-ezami** ikkonfermat li hi kemm il-darba iffirmat biex tinghata refund lill-klijenti meta kien jieqaf jahdem l-*air conditioner*. Xehdet li kienet tkun taf x'inhu ghaddej sew peress li kienet thadem kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, mit-8.00am sat-3.00pm, u ghalhekk tista' tikkonferma **illi qisu 30% mill-kmamar jew aktar kellhom problema bis-sistema tal-arja kondizzjonata.** Qalet ukoll li s-sitwazzjoni **kienet aggravat ruha xi ftit xhur wara li telaq Cremona.**

**George Spiteri** xehed illi huwa iben Frans Spiteri u huwa direttur ta' San Pawl Hotel, u kkonferma x-xhieda li taw missieru u huh Franky Spiteri. Zied illi hu kien kontra li missieru jaccetta l-proposta tas-socjeta rikorrenti li jaghtuhom 50 mutur bla hlas ghaliex hass li l-installazzjoni ma kienetx tajba, pero missieru kien accetta ghaliex xtaq izomm il-kalma. Rigward il-ftehim fuq is-sistema ta' arja kondizzjonata ta' gewwa, u cioe il-*fan coil*, xehed illi hu u missieru kienu ghamluha cara lil Mallia li riedu li s-sistema tal-ilma, izda Mallia injora dan il-ftehim verbali, u qabad u ghamel alterazzjoni fl-*isplit unit* li kien hemm. Xehed illi b'rizultat tal-agir tas-socjeta rikorrenti, is-socjeta ntimata qed tirriskja tfalli ghaliex ma tistghax tikri,**zewg terzi (2/3)** mill-kmamar taghha, specjalment fis-sajf li huwa l-istagjun bl-ahjar rati.

**Prof. Alfred Vella** xehed illi huwa professor tal-kimika u gie mqabbad bhala tal-espert tal-Qorti sa mis-sena 1985 f'kazijiet ta' nirien u spluzjonijiet. Rigward il-hruq li kien hemm gewwa San Pawl Hotel xehed illi dan il-kaz kien gara fit-30 ta' Jannar 2011 f'xi l-11.00pm u hu kien acceda fuq il-post l-ghada bhala espert mahtur mill-Qorti u kien zamm seduta fejn sema' lil Mario Puglisevich u Emmanuel Scerri bil-gurament. Xehed li l-kamra kienet dik numru 103 li dakinhar kienet disokkupata. Spjega li s-sors tan-nar kien l-air conditioner, u zied li peress li l-hsara ma kienetx

kbira, ir-*radius of uncertainty* rigward liema kien is-sors tan-nar huwa icken. **Xehed li inizjalment kien konfuz dwar dan, peress li l-air conditioner kien mitfi u ghalhekk ma kienx suppost ghaddej current minnu, pero mbaghad l-Inginier Scerri kien urieh illi l-installazzjoni kienet saret b'tali mod li l-kurrent jasal sa fuq l-air conditioner anke jekk is-switch tal-kamra jkun mitfi, u x-xoghol kien l-istess anke fil-kmamar ta' biswit.**

**In kontro-ezami** xehed illi huwa sar jaf b'din il-kawza mill-Inginier Scerri b'mod informali u mhux mis-sidien u li ma giex influwenzat mill-fatt li kien hemm din il-kawza. Mistoqsi kif seta' jeskludi li n-nar kien tqabbad apposta xehed illi dan seta' jeskludih ghaliex is-*seat of fire* ddeterminat mill-konfigurazzjoni tal-hsara mill-hruq jidher b'mod manifest li kien fil-livell gholi tal-kamra u bejn wiehed u iehor iccentrat fejn kien hemm il-*unit* tal-*air conditioner*. Zied li jista' jeskludi li xi hadd tefa xi *fuel* fuq l-*air conditioner* ghaliex din hija manjera pjuttost difficli u filfatt qatt ma ltaqa' ma kaz li nar doluz tqabbad b'din il-manjera. Xehed li qatt ma kellu kawza bhal din fit-tletin sena esperjenza tieghu fejn il-kawza tal-hruq indikata minnu taffetwa jew tintuza f'kawza civili. Xehed illi ma jahsibx li n-nar beda minhabba ghabra jew l-*fluff* li akkumula matul is-snin minhabba nuqqas ta' *maintenance*.

**Ikkonsidrat;**

Dan huwa kaz rigward appalt moghti lis-socjeta rikorrenti ghall-installazzjoni ta' sistema ta' arja kondizzjonata f'numru ta' kmamar tal-lukanda u network li joffri *central control* ghal din is-sistema mir-*reception*. Is-socjeta rikorrenti tippretendi li ghandha tithallas il-bilanc rimanenti mill-kont mahrug lis-socjeta ntimata, filwaqt illi s-socjeta ntimata tishaq illi m'ghandhiex thallas dan il-bilanc ghaliex ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha, m'huwiex tal-kwalita pattwita u ghalhekk l-ebda ammont m'ghandu jibqa' aktar dovut. Di piu' is-socjeta' intimata kienet kreditrici minhabba d-danni li soffriet a kawza tas-sistema malfunzjonanti nstallata mis-socjeta rikorrenti u fid-dawl ta' dan ipprezentat il-kontro-talba taghha ghad-danni.

Fir-rigward tal-kwalita tax-xoghol maghmul, il-Periti Teknici mahtura mill-Qorti waslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:

- **L-Inginier Alfred R. Scicluna** ikkonkluda illi s-sistema nstallata mis-socjeta rikorenti kienet adegwata sabiex tlahhaq mad-domanda u l-iskop li ghalih kienet giet fornuta, u li ghalhekk s-socjeta rikorrenti ghandha dritt ghal pagament tal-bilanc rimanenti, b'dan illi ghandha **t-titnaqqas is-somma ta' €13,307** ghal xoghol li hu meqjus li suppost gie provdut jew esegwit mill-bidu nett.

- **L-Inginer Silvio Aquilina** ikkonkluda illi l-bilanc rimanenti ghandu jithallas mis-socjeta ntimata, b'dan illi **ghandu jkun hemm tnaqqis fl-ammont ta' €27,336.38**. Huwa rrelata illi c-*chillers* suppliti mis-socjeta rikorrenti kellhom diversi nuqqasijiet, u illi t-tibdil li hu mehtieg sabiex jigu konformi mal-ligi (peress illi dawn juzaw gass li l-uzu tieghu huwa projbit mill-ligi fic-cirkostanzi) m'ghandux jitqies bhala kumpens peress illi dawn ic-*chillers* inbieghu bhala godda u ghalhekk is-socjeta ntimata ghandha dritt ghal prodott gdid minghajr ma jkun ghadda min serje ta' tibdil. Irrelata wkoll li ghandu jkun hemm tnaqqis minhabba n-nuqqas ta' *fused outlet* hdejn il-*units* kif mistenni li sar mis-socjeta rikorrenti u ghaliex il-*fan coils* ma kellhomx id-dokumentazzjoni li ghandu jkollhom.

- **L-Inginier Mario Magri** ma kwantifika l-ebda tnaqqis. Huwa rrelata illi s-sistema offruta kienet ta' sahha sufficjenti ghall-iskop intiz. Fir-rigward tal-gas R22 irrelata illi ghalkemm huwa minnu li dan ma kellux jintuza fis-sistema minhabba ragunijiet ambjentali, dan ma kellu l-ebda effett negattiv fuq is-sistema u anzi sistema R22 hija fost l-aktar efficjenti, u dan apparti li dan il-gas jista' facilment jigi mibdul ghal wiehed iktar *environmentally friendly.* Rigward il-*condensor fans,* irrelata li dak li gie ttestjat hadem, ghalkemm seta' wkoll jigi nnotat illi kien hemm *condenser fans* iggamjati wkoll. Fir-rigward tal-*isolator switch* ikkonkluda li m'hemmx perikolu peress li dan jistab vicin tac-*chillers,* filwaqt illi rigward il-*frame* tac-*chillers* ikkonkluda illi ghalkemm parti mill-cover kellu jigi mibdul ghax ma kienx protett sufficjentement l-kumplament tal-*frame* ghadu f'kondizzoni tajba. Rigward is-sistema ta' kontroll mir-*Reception* irrelata illi fl-ebda hin ma deher xi difett fix-xoghol jew fil-materjal.

- **Il-Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia** irrelata illi t-tnaqqis propost mill-Inginier Aquilina huwa gustifikat, anke tenut kont tal-fatt illi s-sistema nstallata mis-socjeta rikorrenti bdiet taghti l-problemi mill-bidu nett, u li ghal daqstant il-bilanc dovut mis-socjeta ntimata ghandu jkun fl-ammont ta' €62,959.52. Irrelata wkoll fir-rigward tal-imghax kummercjali, fis-sens illi meta tigi biex tordna l-hlas tal-imghax, il-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajneja l-fatt illi s-socjeta ntimata kellha raguni valida ghalfejn tikkontesta t-talba.

**Ikkonsidrat:**

Huwa principju kostantament abbracjat fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin illi r-rapport ta' perit tekniku ma jigix facilment skarat. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2005

> "*...f' materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha,* ***il-giudizzio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m' ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b' mod legger jew kappricciuz. Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika"*** *[App.C.Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima vs Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998]. Multo magis meta, bhala fil-kaz prezenti, fl-assenza ta' rapport ta' perizji perizjuri li jghid il-kuntrarju, jew idghajjef il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku.*"

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett u Inginier Civili Frank Giordemaina Medici noe vs Pio Camilleri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2003 intqal illi

> "*...f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li "***sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux***" - "Dingli Estates & Co. vs Mangion", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002.*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003 gie rrilevat illi

> "*...***l-opinjoni teknika m'ghandhiex facilment tigi skartata mill-Qorti*** *(ara " Calleja vs Mifsud", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001), u, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Borg vs Falzon", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003,* ***"konvinzjoni kuntrarja kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"*** *(ara, fl-istess sens, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Saliba vs Farrugia", deciza fit-28 ta' Jannar, 2000).*"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru 1994; **Paul Grech et vs Lawrence Grech et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Settembru 2003; **Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Marzu 2005.

Fir-rigward imbaghad tal-kuntratt tal-appalt, il-Qorti tinnota li kien hemm zmien fejn skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, l-appaltatur li ma jesegwix ix-xoghol

skont l-art u s-sengha, m'huwiex intitolat ghal- hlas.[1] Il-Qorti taghraf pero li din il-linja ta' hsieb kienet giet temperata f'diversi sentenzi, fejn kien gie konkluz illi jekk id-difett huwa wiehed parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, il-Qorti tista' tordna tnaqqis mill-bilanc dovut, jew tordna illi l-intimat jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti li rrizultaw.[2]

Is-socjeta ntimata targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-ebda ammont m'ghandu jkun dovut u dan ghaliex skont il-Perit Legali, fir-risposti tieghu in eskussjoni, kien hemm nuqqasijiet sostanzjali, li skont is-socjeta ntimata jammontaw ghal difett sostanzjali. Ghalhekk skont il-gurisprudenza, l-ebda ammont m'ghandu jkun dovut minnha minhabba l-ezistenza ta' tali nuqqas. Il-Qorti pero tqis illi fir-rigward tan-natura tad-difett fis-sistema nstallata, ghandha tkun aktar gwidata mill-opinjoni tal-Periti Teknici peress illi dan huwa l-*gudizio dell'arte* rigward is-sistema supplita mis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti rat illi ghalkemm kien hemm xi divergenzi fl-opinjoni tal-Periti Teknici f'dak li ghandu x'jaqsam mall-ammont li ghandu jkun dovut mis-socjeta rikorrenti, **kollha qabblu illi s-sistema supplita mis-socjeta rikorrenti kienet wahda adegwata ghall-iskop u li ghalhekk f'dak is-sens ma kienx hemm nuqqasijiet.** Fir-rigward tac-*chillers,* jirrizulta mir-relazzjonijiet teknici li ghalkemm huwa minnu li l-gass intuzat ma kellux jigi uzat f'dawk ic-cirkostanzi minhabba ligi li kienet ghaddiet ricentement (ghal dak iz-zmien), il-Periti Teknici kollha qablu li l-uzu ta' dan il-gass bl-ebda mod ma affettwa t-thaddim tas-sistema, u li anzi sistema ta' R22 hija l-aktar sistema efficjenti, u li inoltre din hi haga li tista' tigi irrmedjata fi ftit hin, u bi ftit flus, billi sempliciment jinbidel il-gass uzat. Ghalhekk dan zgur ma jistghax jammonta ghal difett sostanzjali.

[1] Vide **Borg vs Buttigieg de Piro,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Jannar 1995; **Vella vs Bugeja et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Frar 2003; **AMC Electrical vs Crown Hotels Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 26 ta' April 2012.

[2] Vide **Mallia noe vs Fonk,** Qorti tal-Appella deciza 24 ta' Jannar 1975; **Micallef vs Mamo pro et noe,** Qorti tal-Kummerc 9 ta' Marzu 1939; **Mallia et noe vs Magri,** Qorti tal-Appell deciza 13 ta' Ottubru 1989

Fir-rigward tal-*fan coils*, is-socjeta ntimata targumenta illi c-CE mark taghhom ma baqghatx valida ghaliex dawn gew immodifikati mis-socjeta rikorrenti u jpoggu lill-haddiema u lill-klijenti fil-perikolu ghaliex m'humiex idoneji ma' prattici dwar is-sahha u s-sigurta. Illi pero il-Qorti taghraf illi dan assolutament ma jirrizultax mir-relazzjonijiet u r-risposti ghad-domandi in eskussjoni tal-Periti Teknici, u taghraf anzi illi dan l-argument gie skartat. L-Inginier Mario Magri, fir-risposti tieghu in eskussjoni spjega illi l-unika differenza li hemm bejn *fan coil* li jahdem bil-gas u *fan coil* li jahdem bl-ilma huwa illi dak tal-ewwel ikollu *expansion valve* u dak tat-tieni jkollu *coil valve,* u li galadarba s-socjeta rikorrenti biddlet dan il-*valve*, il-*fan coil* supplit kien addattat. Mistoqsi direttament dwar l-impatt li dan ikollu fuq il-marka tac-CE, innega illi it-tibdil li ghamlet is-socjeta rikorrenti bilfors irendi inapplikabbli ic-CE. Barra minn hekk, rigward il-kwistjoni ta' perikolu minhabba t-tibdil li sar, l-istess Perit Tekniki ghal bl-aktar mod car illi "…***jidher li ma hemmx differenza bejn il-wiehed li jintuza ghall-gass u l-iehor li jintuza ghall-ilma rigward protezzjoni u safety."*** Ghalhekk, anke f'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi l-argument tas-socjeta ntimata illi d-difett fis-sistema nstallata mis-socjeta rikorrenti huwa sostanzjali huwa nfondat.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk is-socjeta rikorrenti naqsitx mill-obbligi taghha fis-sistema nstallata minnha, u jekk id-difetti kienu sostanzali, il-Qorti tqis hija ta' relevanza kbira ix-xhieda moghtija mill-Perit Tekniku Mario Magri ghad-domandi in eskussjoni, fejn meta gie mistoqsi mid-difensur legali tas-socjeta ntimata jekk is-sistema provduta fiha difetti jew le, wiegeb illi "…***l-istess sistema li giet offruta kont nuzaha. B'differenza li kont ingib fan coils li huma water….Ghax irhas ukoll….Naghmilhom definitely isolator switch."*** Kif inghad aktar il-fuq, u skont ix-xhieda tal-istess Perit Tekniku, il-kwistjoni li l-*fan coils* li ntuzaw huma tal-gass mhux tal-ilma u gew modifikati ma tammontax ghal difett sostanzjali, filwaqt illi fir-rigward tan-nuqqas ta' '*isolator switch'* ghal kull '*chiller',* il-Qorti rat illi skont ir-relazzjoni tal-istess Perit Tekniku, ghalkemm dan mhux idejali, m'hemmx kwistjoni ta' perikolu peress li l-'*isolator switch'* qieghed vicin bizzejjed.

Il-Qorti finalment wara li ezaminat mir-reqqa x-xhieda tal-Professur Alfred Vella, il-Qorti taghraf li ghandha tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-Inginiera Esperti mahtura f'din il-kaz, illi ezaminaw b'mod **dettaljat u akkurat is-sistema kollha nstallata mis-socjeta rikorrenti** .

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk in-nuqqasijiet ravvizati ma jistghux jitqiesu bhala sostanzjali, u ghaldaqstant tqis illi m'hemmx lok illi s-socjeta ntimata ma thallasx il-bilanc rimanenti kollu dovut, izda ghandu jkun hemm tnaqqis li jkopri dawk in-nuqqasijiet ravvizati mill-Periti Teknici fir-relazzjonijiet taghha. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-Perit Legal illi t-tnaqqis ghandu jkun dak suggerit mill-Inginier Scicluna, u cioe fl-ammont ta' **€27,336.38**, ghaliex taqbel mieghu illi s-socjeta ntimata ghandu jkollha dritt illi tinghata '*chillers* 'godda, kif gie patwit, u mhux '*chillers*' li ser ikomplu jsirulhom it-tbidiliet. Fir-rigward tal-imghax u minn meta ghandu jibda jiddekorri, il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-abbli Perit Legali, u tqis illi, peress li kien hemm ragunijiet validi sabiex is-socjeta ntimata tikkontesta l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti, l-imghax m'ghandux jibda jiddekorri mid-data tal-fattura, izda ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, l-ammont dovut mis-socjeta ntimata huwa fl-ammont ta':

€90,259.87 - €27,336.38 = **€62,923.49**

**Ikkonsidrat;**

In vista ta' dak hawn fuq espost ukoll, il-Qorti tqis ghalhekk illi l-ewwel talba tas-socjeta ntimata rikonvenzjonanti m'ghandiex tigi milqugha, billi nonostante l-fatt illi huwa minnu li kien hemm diversi difetti fis-sistema nstallata mis-socjeta rikorrenti, ma jirrizultax illi x-xoghol maghmul mis-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata ma kienx tal-kwalita pattwita. Il-Qorti tqis pero illi huwa minnu, u jirrizulta li kien hemm difetti fis-sistema li b'konsegwenza taghhom kien hemm numru ta' kmamar li kellhom l-arja

kondizzjonata ma tahdimx, u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jigi determinat jekk hemmx lok ghal hlas ta' danni da parti tas-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata.

Is-socjeta' intimata rikonvenzjonanti tikkalkola d-danni b'dan il-mod. L-*occupancy* rate gie meqjus b'rata ta' 75% tal-kmamar (108) okkupati, u cioe 81 kamra; l-qliegh nett gie kalkulat b'circa €10 il-kamra. Peress li kien hemm xi kmamar li attwalment inkrew, l-bazi tal-pretensjoni tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti inhadmet fuq xi 80% mill-81 kamra. Ghalhekk it-telf soffert mis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti gie stmat fl-ammont ta' €830,050, u cioe telf ta' €10 fil-gurnata, ghal 65 kamra ghal 1277 il- gurnata u cioe:

**€10 X 65 X 1277 = €830,050**

Il-Qorti rat pero illi s-socjeta ntimata rikonvenzjonanti naqset serjament milli tressaq provi rigward il-quantum ta' danni soffert minnha. Il-Qorti tqis illi huwa kemmxejn stramb illi s-socjeta ntimata rikonvenzjonanti ma ghandha l-ebda dokumentazzjoni li turi l-ammont ta' kancellamenti ta' kirjiet li soffriet, it-tnaqqis fir-rata tal-bookings, u l-ammont ta' rifuzjonijiet li kellha taghti lill-klijenti jew *tour operators*, kagun tal-problemi fis-sistema tal-arja kondizzjonata. Il-Qorti rat illi s-socjeta' intimata naqset milli produciet kopja tal-profit and *loss* tas-snin qabel u wara li giet installata s-sistema ta' arja kondizzjonata mis-socjeta rikorrenti, biex b'hekk, almenu il-Qorti tkun tista' tasal ghall-paragun bejn l-introjtu tas-socjeta ntimata rikonvenzjonanti qabel u wara l-installazzjoni tas-sistema in kwistjoni.

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi prodotti mis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti stess, t-tnaqqis fir-rata ta' bookings, reviews hziena, problemi mal-Awtorita tat-Turizimu etc, ma jistghux jigu attribwiti **biss** fuq il-fatt li s-sistema tal-arja kondizzjonata ma kienet tiffunzjona tajjeb, ghaliex skont id-dokumenti prodotti mis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti stess jirrizulta illi kien hemm numru ta' ilmenti li bl-ebda mod ma

jistghu jigu attribwiti lis-socjeta rikorrenti, bhal per ezempju, nuqqas ta' indafa fil-lukanda, l-attitudni tal-impjegati tal-lukanda mal-klijenti, nuqqas ta' ikel waqt il-buffet, kmamar fi bzonn to *re-furbishing*, nuqqas ta' korrispondenza mal-klijenti, li jidher li kienu sors ta' dizappunt u frustrazzjoni tal-klijenti tal-lukanda in kwistjoni. Anke fir-rigward tal-Awtorita tat-Turizimu, u r-rating ta' lukanda tlett stillel tal-lukanda in kwistjoni, il-Qorti rat mid-dokumentazzjoni prodotta mis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti stess illi, il-lukanda in kwistjoni kellha lista shiha ta' nuqqasijiet, indikata fuq numru ta' pagni, li ma jistghux jigu attribwiti lis-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata.

Il-Qorti tqis pero illi jkun ekwu u gust illi s-socjeta ntimata rikonvenzjonanti tinghata kumpens tad-danni li soffriet kagun il-malfunzjoni tas-sistema ta' arja kondizzjonata, ghaliex, ghalkemm huwa minnu illi s-socjeta ntimata rikonvenzjonanti ma resqitx provi sufficjenti rigward il-quantum tad-danni soffert minnha pretiz, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi s-socjeta ntimata rikonvenzjonanti soffriet danni sostanzjali kagun ta' inqas bookings, kancellamenti u rifuzjonijiet li klijenti, li fid-dawl tal-ilmenti l-ohra li jidher li kellhom il-klijenti tal-lukanda in kwistjoni, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' arja kondizzjonata fil-kmamar kien jammonta ghal mhux aktar minn 25% mill-ilmenti tal-klijenti u r-raguni ghalfejn xi kljienti kienu qed jaghzlu li ma jmorrux, jew li jitilqu kmieni. Ghalhekk il-Qorti qed tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' hamsin elf ewro (€50,000).

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa limitatament it-talba tas-socjeta rikorrenti, u tordna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tnejn u sittin elf, disa' mija u tlieta u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€62,923.49) bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel talba tas-socjeta ntimata rikonvenzjonanti, tilqa limitatament it-tieni talba sa fejn huwa kompatibbli ma' dak espost fis-sentenza, konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-hsara sofferta mis-socjeta ntimata**

**rikonvenzjonanti fis-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000), u tikkundanna lis-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata thallas lis-socjeta ntimata rikonvenzjonanti s-somma hekk likwidata ta' hamisn elf ewro (€50,000) bl-imghax dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**